**6 ta' Novembru, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Carmelo Schembri

*versus*

Salvina Aquilina *noe*

**Bejgħ ta' Kotba – Preskrizzjoni – Azzjoni Redibitorja – Azzjoni Stimatorja – Vizzji Okkulti – Vizzji Apparenti**

*Skond il-liġi, il-bejjiegħ hu obbligat li jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa illi jagħmluha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar li kieku kien jaf bihom. Il-bejjiegħ però ma jweġibx għad-difetti li jidhru u li x-xerrej seta' jsir jaf bihom waħdu.*

*F'każ ta' difetti redibitorji x-xerrej jista' jagħżel li jaġixxi b'waħda minn xi żewġ azzjonijiet – jew jistitwixxi l-azzjoni redibitorja li biha jżomm il-ħaġa mixtrija u jitlob ir-rifużjoni tal-prezz; inkella jintavola l-azzjoni stimatorja li biha jżomm il-ħaġa u jitlob lura parti mill-prezz tal-ħaġa.*

Vizzju huwa okkult *(redibitorju) meta x-xerrej b'diliġenza ordinarja u waħdu ma jkunx jista' jiskopri d-difett. Meta l-ħaġa mibjugħa timmanifesta għal xerrej ordinarjament attent difett jew traċċi li jindikaw l-eżistenza ta' difett, allura l-vizzju jkun wieħed apparenti. Il-ġudikant ikun irid jagħmel apprezzament taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fosthom dawk taż-żmien, tal-post u tal-persuni involuti.*

*Fil-każ ta' stampar ta' kotba li qegħdin jinxtraw wieħed kull xahar, id-difetti fl-istampar huma difetti apparenti, peress li persuna ordinarjament attenta tista', appena tisfolja l-ktieb, tinduna "de visu"* li l-ktieb huwa difettuż.

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta li hu kien qed jabbona fi skema ta' kotba tad-Deċiżjonijiet tal-Qrati Maltin mingħand id-ditta konvenuta, liema kotba kienu jinxtraw bil-prezz ta' erba' liri u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm4.25,0)-il wieħed, darba fix-xahar; billi l-kwalità ta' l-istampa ta' dawn il-kotba beda kull ma jmur jeħżien tant li fl-aħħar l-attur kien kostrett li jirrevoka u jannulla l-abbonament mad-ditta konvenuta u rritornalha l-kotba li kien xtara. Billi meta huwa rritorna l-kotba fi tliet okkażjonijiet differenti huwa ngħata *credit notes* fil-valur komplessiv ta' erbgħa u tletin lira (Lm34), prezz ta' tmien (8) kotba – Dok. A, B. Ċ, – . Billi kien fadallu jirritorna tmintax-il ktieb ieħor lid-ditta konvenuta imma din ma aċċettathomx u għalhekk kellu jgħaddi biex jiddepożitahom taħt l-awtorità ta' din il-Qorti; u peress li l-valur ta' dawn il-volumi kien ta' sitta u sebgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm76.50,0);

L-istess attur talab li l-konvenuta tiġi minn din il-Qorti kkundannata li tirrifondi lill-attur is-somma ta' mija u għaxar liri u ħamsin ċenteżmu (Lm110.50,0) prezz ta' kotba li kellhom jiġu rritornati lill-konveuta minħabba d-difetti li kien fihom – prevja jekk hemm bżonn id-dikjarazzjoni li minħabba l-istess difetti l-ftehim bejn il-partijiet kien ġie rexiss;

Bl-ispejjeż inklużi dawk taċ-ċedola ta' depożitu tat-13 ta' Jannar 1981 u bl-imgħax mill-istess data;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li biha eċċepiet:

*Omissis;*

Illi t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda *stante* li tirrigwarda allegazzjoni ta' difetti fix-xogħol u għalhekk hi preskritta;

3. Illi bla preġudizzju għal fuq espost, it-talba attriċi hi f'kull każ infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-attur anke meta ngħatatlu l-opportunità li jittermina l-abbonament tiegħu minħabba fi bdil fil-proċess ta' l-istampar, għażel li *nonostante* jipproċedi bl-abbonament tiegħu u dejjem aċċetta b'sodisfazzjon ix-xogħol lilu mogħti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi d-difensur tal-konvenuta spjega li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sottomessa kienet ibbażata fuq l-artikolu 1481 tal-Kodiċi Ċivili (illum artikolu 1431 tal-Kapitolu 16) u ċjoè dik ta' xahar f'każ ta' azzjoni redibitorja;

Illi hu risaput illi skond il-liġi l-bejjiegħ hu obbligat li jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa illi jagħmluha mhux tajba għall-użu u li għalih hija maħsuba jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar li kieku kien jaf bihom. Il-bejjiegħ, però skond il-liġi ma jweġibx għad-difetti lli jidhru u li x-xerrej seta' jsir jaf bihom waħdu. F'każ ta' difetti redibitorji x-xerrej

jista' jagħżel lli jaġixxi b'waħda minn xi żewġ azzjonijiet jew jistitwixxi l-azzjoni redibitorja li biha jrodd il-ħaġa mixtrija u jitlob ir-rifużjoni tal-prezz. Inkella jintavola l-azzjoni stimatorja li biha jżomm il-ħaġa u jitlob lura parti mill-prezz tal-ħaġa (ara artikoli 1424, 1425 u 1427 tal-Kodiċi Ċivili);

Illi biex jiġi deċiż jekk il-preskrizzjoni eċċepita hijiex applikabbli għall-każ odjern trid tiġi investigata fl-ewwel lok u neċessarjament il-kwistjoni jekk id-difetti fil-volumi mixtrija mill-attur kinux difetti okkulti jew apparenti;

Illi sfortunatament l-attur ma għamilx prova kkurata u ddettaljata dwar in-natura preċiża tad-difetti minnu lamentati fid-dikjarazzjoni tiegħu huwa spjega:

"Illi l-kwalità ta' l-istampa ta' dawn il-kotba kienet qiegħda *teħżein minn ktieb għall-ieħor*";

Meta xehed fl-udjenza tas-27 ta' Marzu 1985 huwa kkonferma d-dikjarazzjoni tiegħu u ma żied xejn fuq l-aspett taħt investigazzjoni;

Illi għalhekk wieħed irid jara jekk difetti fil-kwalità ta' l-istampa ta' ktieb humiex vizzji okkulti jew apparenti;

Ikkunsidrat:

Illi fil-qosor vizzju huwa wieħed okkult (redibitorju) meta x-xerrej b'diliġenza ordinarja u waħdu ma jkunx jista' jiskopri d-difett. Meta l-ħaġa mibjugħa timmanifesta għal xerrej ordinarjament attent difett jew traċċi li jindikaw l-eżistenza ta' difett, allura l-vizzju jkun wieħed apparenti. Naturalment, biex

tiġi determinata n-natura tal-vizzju f'każ partikolari l-ġudikant ikun irid jagħmel apprezzament taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fosthom dawk taż-żmien, tal-post u tal-persuni involuti;

Illi fil-każ odjern u kif intqal *si tratta* ta' difetti fl-istampa u kotba li kienu qegħdin jinxtraw *più o meno* wieħed kull xahar. Fil-fehma kkonsiderata tal-Qorti difetti bħal dawn u a bażi tal-provi b'koniċi prodotti, jikkostitwixxu difetti apparenti, peress li persuna ordinarjament attenta tista' appena tisfolja l-ktieb tinduna *"de visu"* li l-ktieb hu difettuż;

Illi la l-Qorti waslet għall-konklużjonijiet li d-difetti lamentati ma humiex difetti redibitorji jsegwi li l-preskrizzjoni a bażi ta' l-artikoli 1431 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) ma hijiex applikabbli għall-każ odjern;

Ikkunsidrat:

Illi fil-mertu, ma hemmx dubju li l-konvenuta hi obbligata li tirrifondi lill-attur is-somma komplessiva ta' Lm34 valur ta' tmien kotba li hi aċċettat lura u li skond ix-xhieda m'humiex kontradetti ta' l-attur u hi rrilaxxjatlu *"credit notes"* tal-valur komplessiv b'Lm34;

Illi dwar it-tmintax-il ktieb li l-konvenuta irrifjutat li tieħu lura, fil-fehma kkonsiderata tal-Qorti u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 1425 tal-Kodiċi Ċivili, l-attur ma jistax validament jitlob ir-rifużjoni ta' prezzhom *stante* li *si tratta* ta' difetti apparenti;

Illi għalhekk it-talba attriċi għandha tintlaqa' għas-somma fuq imsemmija ta' Lm34 u għandha tiġi miċħuda għall-kumplament;

Għal dawn il-motivi, prevja li tirrespinġi t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta tilqa' t-talba ta' l-attur limitatament għas-somma ta' Lm34 (erbgħa u tletin lira Maltija) u tiċħadha għall-kumplament;

L-ispejjeż jitħallsu kwantu għal terz (⅓) mill-konvenuta u kwantu għar-rimanenti żewġ terzi (⅔) mill-attur.